REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/55

tal-14 ta' Diċembru 2016

rigward l-awtorizzazzjoni ta' ottan-2-ol, isopropanol, pentan-2-ol, ottan-3-ol, ettan-2-on, pentan-2-on, 6-metil-etta-3,5-dien-2-on, nonan-3-on, dekan-2-on u isopropil tetradekanoat bħala addittivi tal-ikel għall-ispeċijiet tal-annimali kollha

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 fih previst l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament jipprevedi l-evalwazzjoni mill-ġdid ta' addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) Ottan-2-ol, isopropanol, pentan-2-ol, ottan-3-ol, ettan-2-on, pentan-2-on, 6-metil-etta-3,5-dien-2-on, nonan-3-on, dekan-2-on u isopropil tetradekanoat kienu awtorizzati mingħajr limitu ta' żmien skont id-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet tal-annimali kollha. Dawk il-prodotti sussegwentement ġew irreġistrati fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodotti eżistenti, b'mod konformi mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, ġiet sottomessa applikazzjoni għall-evalwazzjoni mill-ġdid ta' ottan-2-ol, isopropanol, pentan-2-ol, ottan-3-ol, ettan-2-on, pentan-2-on, 6-metil-etta-3,5-dien-2-on, nonan-3-on, dekan-2-on, isopropil tetradekanoat bħala addittivi għall-għalf għall-ispeċijiet tal-annimali kollha. L-applikant talab li dawk l-addittivi jkunu klassifikati fil-kategorija ta' addittivi "addittivi sensorjali". Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata bid-dettalji u bid-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), fl-opinjoni tagħha tal-20 ta' Ottubru 2015 ([3]), ikkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet proposti għall-użu fl-għalf ottan-2-ol, isopropanol, pentan-2-ol, ottan-3-ol, ettan-2-on, pentan-2-on, 6-metil-etta-3,5-dien-2-on, nonan-3-on, dekan-2-on, isopropil tetradekanoat ma għandhomx effetti avversi fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-funzjoni ta' ottan-2-ol, isopropanol, pentan-2-ol, ottan-3-ol, ettan-2-on, pentan-2-on, 6-metil-etta-3,5-dien-2-on, nonan-3-on, dekan-2-on, isopropil tetradekanoat fl-għalf hi simili għal dik fuq l-ikel. L-Awtorità diġà kkonkludiet li għall-ikel, dawk is-sustanzi huma effikaċji, billi jżidu r-riħa tal-ikel u l-palat. L-Awtorità ma setgħetx tikkonkludi dwar is-sikurezza ta' ottan-2-ol, isopropanol, pentan-2-ol, ottan-3-ol, ettan-2-on, pentan-2-on, 6-methyl- etta-3,5-dien-2-on, nonan-3-on, dekan-2-on, isopropil tetradekanoat użati fl-ilma għax-xorb. Madankollu, dawk is-sustanzi jistgħu jintużaw f'għalf kompost li sussegwentement jiġi amministrat permezz tal-ilma.

(5) Għandhom ikunu previsti restrizzjonijiet u kundizzjonijiet biex ikun hemm kontroll aħjar. Għal raġunijiet prattiċi u biex tiġi kkunsidrata l-evalwazzjoni mill-ġdid imwettqa mill-Awtorità, għandu jiġi stabbilit il-massimu rakkomandat ta' kontenuti. Fejn il-kontenut rakkomandat ta' addittiv fl-għalf tal-annimali komplut jinqabeż, in-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv fl-għalf, l-isem tiegħu u l-ammont miżjud għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, tal-għalf kompost u tal-materjali għall-għalf.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).
([3]) *EFSA Journal* 2015;13(11):4268.

(6) L-Awtorità kkonkludiet li fin-nuqqas ta' dejta tas-sikurezza tal-utent, ottan-2-ol, isopropanol, pentan-2-ol, ottan-3-ol, ettan-2-on, pentan-2-on, 6-metil-etta-3,5-dien-2-on, nonan-3-on, dekan-2-on, isopropil tetradekanoat għandhom ikunu kkunsidrati bħala irritanti għall-ġilda, l-għajnejn u s-sistema tan-nifs u bħala sensitizzatur għall-ġilda. Konsegwentement, għandhom jittieħdu miżuri protettivi xierqa. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittivi fl-għalf ippreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(7) Il-valutazzjoni ta' ottan-2-ol, isopropanol, pentan-2-ol, ottan-3-ol, ettan-2-on, pentan-2-on, 6-metil-etta-3,5-dien-2-on, nonan-3-on, dekan-2-on, isopropil tetradekanoat turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ġew issodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dawn is-sustanzi għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(8) Billi r-raġunijiet ta' sikurezza ma jirrikjedux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki għall-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' ottan-2-ol, isopropanol, pentan-2-ol, ottan-3-ol, ettan-2-on, pentan-2-on, 6-metil-etta-3,5-dien-2-on, nonan-3-on, dekan-2-on, isopropil tetradekanoat, huwa xieraq li jitħalla perjodu ta' tranżizzjoni għall-partijiet interessati biex jippreparaw lilhom infushom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jappartjenu għall-kategorija ta' addittivi "addittivi sensorjali" u għall-grupp funzjonali "komposti li jagħtu t-togħma", huma awtorizzati bħala addittivi għall-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Miżuri tranżizzjonali

1. Is-sustanzi kif speċifikati fl-Anness u taħlitiet lesti minn qabel li fihom dawk is-sustanzi, li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Awwissu 2017 b'konformità mar-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Frar 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

2. Il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost li fihom is-sustanzi msemmija fl-Anness li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Frar 2018 b'konformità mar-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Frar 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk huma maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

3. Il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost li fihom is-sustanzi msemmija fl-Anness li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Frar 2019 b'konformità mar-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Frar 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk huma maħsuba għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċijiet jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
Kategorija: Addittivi sensorji. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti									
2b02022	—	Ottan-2-ol	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Ottan-2-ol *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Ottan-2-ol Prodott b'sinteżi kimika Purità: min 97 % $C_8H_{18}O$ CAS Nru 123¬96-6 FLAVIS Nru: 02.022 *Metodu ta' Analiżi* [1] Għad-determinazzjoni ta' ottan-2-ol fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'illokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: għall-ħnieżer u t-tjur: 1 mg/kg, u għal speċijiet u kategoriji oħra: 1,5 mg/kg tal-għalf shih b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal kategoriji u speċijiet oħra."	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
								5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra. 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	
2b02079	—	Isopropanol	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Isopropanol *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Isopropanol Prodott b'sinteżi kimika Purità: min. 99,7 %	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: 25 mg/kg tal-għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %.	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
			Formula kimika: C_3H_8O CAS Nru 67-63-0 FLAVIS Nru: 02.079 *Metodu ta' analiżi* (1) Għad-determinazzjoni ta' isopropanol fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'il-lokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.					4. Fuq it-tikketta tal-addittiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: 25 mg/kg" 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: 25 mg/kg. 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	
2b02088	—	Pentan-2-ol	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Pentan-2-ol *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Pentan-2-ol Prodott b'sinteżi kimika Purità: min. 97.9 % Formula kimika: $C_5H_{12}O$	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: għall-ħnieżer u t-tjur: 1 mg/kg, u għal speċijiet u kategoriji oħra: 1,5 mg/kg tal-għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %.	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
			CAS Nru 6032-29-7 FLAVIS Nru: 02.088 *Metodu ta' analiżi* [1] Għad-determinazzjoni ta' pentan-2-ol fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'il-lokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.					4. Fuq it-tikketta tal-addittiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal kategoriji u speċijiet oħra." 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra. 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	
2b02098	—	Ottan-3-ol	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Ottan-3-ol	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
			Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva Ottan-3-ol Prodott b'sinteżi kimika Purità: min. 97 % Formula kimika: $C_8H_{18}O$ CAS Nru 589-98-0 FLAVIS Nru: 02.098 *Metodu ta' analiżi* [1] Għad-determinazzjoni ta' ottan-3-ol fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'illokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.					2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: għall-ħnieżer u t-tjur: 1 mg/kg, u għal speċijiet u kategoriji oħra: 1,5 mg/kg tal-għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal kategoriji u speċijiet oħra." 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra.	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
								6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	
2b07002	—	Ettan-2-on	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Ettan-2-on *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Ettan-2-on Prodott b'sinteżi kimika Purità: min. 95 % Formula kimika: $C_7H_{14}O$ CAS Nru 110-43-0 FLAVIS Nru: 07.002 *Metodu ta' analiżi* [1] Għad-determinazzjoni ta' ettan-2-on fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'illokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: għall-qżieqeż: 4 mg/kg, għat-tiġieġ biex jismnu u jbidu t-tiġieġ: 3 mg/kg, għall-qtates: 2 mg/kg u għal speċijiet u kategoriji oħra: 5 mg/kg ta'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 4 mg/kg għall-qżieqeż; — 3 mg/kg, għat-tiġieġ biex jismnu u jbidu t-tiġieġ: — 2 mg/kg, għall-qtates: — 5 mg/kg u għal speċijiet u kategoriji oħra"	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
								5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 4 mg/kg għall-qżieqeż; — 3 mg/kg, għat-tiġieġ biex jismnu u jbidu t-tiġieġ: — 2 mg/kg, għall-qtates: — 5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	
2b07054	—	Pentan-2-on	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Pentan-2-on *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Pentan-2-on	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati.	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
			Prodott b'sinteżi kimika Purità: min. 95 % Formula kimika: $C_5H_{10}O$ CAS Nru 107-87-9 FLAVIS Nru: 07.054 *Metodu ta' analiżi* (1) Għad-determinazzjoni ta' pentan-2-one fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'il-lokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.					3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: għall-qżieqeż: 4 mg/kg, għat-tiġieġ biex jismnu u jbidu t-tiġieġ: 3 mg/kg, għall-qtates: 2 mg/kg u għal speċijiet u kategoriji oħra: 5 mg/kg ta'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 4 mg/kg għall-qżieqeż; — 3 mg/kg, għat-tiġieġ biex jismnu u jbidu t-tiġieġ: — 2 mg/kg, għall-qtates: — 5 mg/kg u għal speċijiet u kategoriji oħra" 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 4 mg/kg għall-qżieqeż; — 3 mg/kg, għat-tiġieġ biex jismnu u jbidu t-tiġieġ: — 2 mg/kg, għall-qtates: — 5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
								6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	
2b07099	—	6-Metil-etta-3,5-dien-2-on	*Kompożizzjoni tal-addittiv* 6-Metil-etta-3,5-dien-2-on *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* 6-Metil-etta-3,5-dien-2-on Prodott b'sinteżi kimika Purità: min. 96 % Formula kimika: $C_8H_{12}O$ CAS Nru 1604-28-0 FLAVIS Nru: 07.099 *Metodu ta' analiżi* [1] Għad-determinazzjoni ta' 6-metil-etta-3,5-dien-2-on fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'il-lokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: għall-ħnieżer u t-tjur: 0,3 mg/kg, u għal speċijiet u kategoriji oħra: 0,5 mg/kg tal-għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 0,3 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 0,5 mg/kg u għal speċijiet u kategoriji oħra"	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
								5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 0,3 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 0,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	
2b07113	—	Nonan-3-on	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Nonan-3-on *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Nonan-3-on Prodott b'sinteżi kimika	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: ħnieżer u tjur: 0,3 mg/kg, għall-ħut: 0,05 mg/kg u għal speċijiet u kategoriji oħra: 0,5 mg/kg tal-għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %.	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
			Purità: min. 95,9 % Formula kimika: $C_9H_{18}O$ CAS Nru 925-78-0 FLAVIS Nru: 07.113 *Metodu ta' analiżi* ([1]) Għad-determinazzjoni ta' nonan-3-on fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'il-lokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.					4. Fuq it-tikketta tal-addittiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 0,3 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 0,05 mg/kg għall-ħut; — 0,5 mg/kg u għal speċijiet u kategoriji oħra" 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 0,3 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 0,05 mg/kg għall-ħut; — 0,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
2b07150	—	Dekan-2-on	*Kompożizzjoni tal-additttiv* Dekan-2-on *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Dekan-2-on Prodott b'sinteżi kimika Purità: min. 98 % Formula kimika: $C_{10}H_{20}O$ CAS Nru 693-54-9 FLAVIS Nru: 07.150 *Metodu ta' analiżi* [1] Għad-determinazzjoni ta' dekan-2-on fl-additttiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'il-lokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-additttiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: għall-ħnieżer u t-tjur: 0,3 mg/kg, u għal speċijiet u kategoriji oħra: 0,5 mg/kg tal-għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-additttiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 0,3 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 0,5 mg/kg u għal speċijiet u kategoriji oħra" 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 0,3 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 0,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
								6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	
2b09105	—	Isopropil tetradekanoat	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Isopropil tetradekanoat *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Isopropil tetradekanoat Prodott b'sinteżi kimika Purità: min. 99 % Formula kimika: $C_{17}H_{34}O_2$ CAS Nru 110-27-0 FLAVIS Nru 09.105 *Metodu ta' analiżi* [1] Għad-determinazzjoni ta' isopropil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel tal-aromatizzanti tal-għalf: Spettrometrija tal-massa ta' kromatografija bil-gass b'illokkjar tal-ħin ta' żamma GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittivi u t-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun ta' 5 mg/kg ta' għalf shih b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv, għandu jkun hemm indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: 5 mg/kg" 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu identifikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, materjali għall-għalf u għalf kompost, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva f'għalf shih b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: 5 mg/kg	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
								6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw riskji potenzjali bl-inalazzjoni, il-kuntatt dermali jew il-kuntatt mal-għajnejn. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat protettiv personali, inkluż protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.	

(1) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports.